**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Ottubru 2024**

**Rikors Guramentat numru : 61/2015 AGV fl-ismijiet**

**TA**

**VS**

**AA**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors guramentat ta' TA , fejn ippremetta s-segwenti:-**

1. Illi l-partijiet zzewgu fl-14 ta’ Awwissu tas-sena 1994 (Dok TA1) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, LM , li twieled fid-29 ta’ Ottubru 1997, u KE li twieldet fit-18 t`Awwissu 2000, kwindi it-tnejn minorenni.

2. Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenuta u ghalhekk il-hajja konjugali bejn il-kontendenti m`ghadhiex aktar possibbli.

3. Illi minhabba l-attitudni tal-konvenuta, kien impossibli ghall-attur li jkompli jghix taht l-istess saqaf ma’ martu tant illi l-partijiet ilhom isseparati *de facto* minn Mejju 2013.

4. Illi l-partijiet ghaddew mill-process ta’ medjazzjoni izda din il-medjazzjoni ma tatx frott.

5. Illi l-attur gie debitament awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti permezz tad-digriet numru 664/2015 (Dok TA2) sabiex jintavola dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, l-attur talab lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1.Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament imputabbli lilu u/jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabbilment.
2. Tawtorizza lill-partijiet sabiex konguntivament jkollhom il-kura u kustodja tal-minuri L u K u tiffissa dawk id-dati u hinijiet relattivi meta l-konvenuta ikollha access ghall-imsemmi tfal.

3. Tiffissa retta alimentarja mensili ghat-tfal minuri L u K skond il-ligi sabiex tigi somministrata mir-ragel ghall-interessi tal-istess minuri.

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti mobbli u immobbli formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti jigi mqassma f` zewg porzjonijiet mhux neccesarjament indaqs, okkorrendo bill-likwidazzjoni u bejgh tal-gid immobbli formanti parti mill-istess kommunjoni tal-Akkwisti u bl-opera ta' periti nominandi jekk dan huwa mehtieg u billi jigi nominat Nutar sabiex jircievi l-att relattivi u kuraturi biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tordna lill-konvenuta tirritorna l-proprjeta' parafernali tal-attur.

7. Tawtorizza lill-konvenuta tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'V '.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

**Rat ir- Risposta guramentata ta' AA fejn eccepiet is-segwenti:-**

1) Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti ghal pronunzjament tas-separazzjoni personali m`hiex opposta b`dana pero' li kien ir-rikorrenti stess li gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti, sakemm kapriccozament qabad u telaq mid-dar matrimonjali u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzioni tal-kawza. Inoltre' l-esponenti kienet irrezistiet ghal zmien twil ix-xewqa ta' zewgha li jisseparaw ghaliex genwinament riedet li z-zwieg ma jitfarrakx, bl-ghan li zzomm l-

ghaqda fil-familja, izda l-isforz u s-sagrificcju taghha dejjem gew imxejna mir-rikorrenti.

2) Illi t-tieni talba hija opposta stanti li l-esponenti tixtieq li tigi fdata hi bil-kura u l-kustodja tat tfal minuri L u K peress illi thoss li l-imgieba tar-rikorrenti mhix tali li jista' jigi affdat bil-kura u l-kustodja taghhom. Inoltre' ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri li jirrisjedu ma missierhom u dan skond kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3) Illi in kwantu ghat-talba tar-rikorrenti li din l- Onorabbli Qorti ghandha tiffissa retta alimentarja mensili ghat-tfal minuri L u ahwa A, jigi eccepit illi din t-talba hija ghal kollox infondata, stante li l-minuri prezentement qeghdin jghixu ma' ommhom l-esponenti u bhalma ser titlob fil-kontro-talba li ser tipprezenta kontestwalment l-esponenti ma' din r-risposta, huwa r-rikorrenti li ghandu jigi ikkundannat li jhallas lill-esponenti tali retta alimentarja. In oltre l-ezitu ta' tali talba hija dependenti fuq l-identita' tal-persuna li eventwalment tigi affdata bil-kura u l-kustodja tal-istess tfal, id-dhul rispettiv tal-kontendenti u l-htigijiet tal-minuri fiz-zmien meta tinqata' s-sentenza definittiva.

4) Illi r-raba' talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti mhix opposta, b'dana pero' li l-esponent topponi li l-gid immobbli formanti parti mill-istess komunjoni tal-akkwisti jigi mibjugh, billi kif ser jintalab fil-kontro-talba, sehem ir-rikorrenti mid-dar formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ghandu jigi inkluz fis-sehem spettanti lill-esponenti, wara li ttiehed in konsiderazzjoni l-

kreditu parafernali taghha kontra l-istess komunjoni u jigi stabbilit l-ekwiparazzjoni dovut lir-rikorrenti, u dan kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5) Illi l-hames talba ghar-rifuzjoni tal-propjeta' parafernali lir-rikorrenti ghandha tigi michuda billi skond kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-esponenti m`ghandux fl-pussess taghha propjeta' parafernali appartenenti lir-rikorrenti.

6) Illi fir-rigward tas-sitt talba tar-rikorrenti, l-esponenti tissottometti li l-ghazla jekk tridx tirriverti ghal kunjomha xbubitha m`ghandiex tigi imposta minn zewgha.

**Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn.**

**Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni tieghu.**

**Rat il- Kontro-talba ta' AA** fejn ippremettiet is-segwenti:-

1) Illi l-esponneti tixtieq tipprevalixxi ruhha mir-rikors guramentat pprezenata kontra taghha mir-rikors u debitament notifikat lilha sabiex tipprezenta l-odjerna kontro-talba.

2) Illi l-kontendenti zzewgu fl-erbatax ta' Awissu 1994 skond TA1 anness mar-rikors guramentat mir-rikorrenti . Minn dan iz-zwieg

kellhom zewgt itfal cioe', LM li twieled fid-disgha u ghoxrin ta' Ottubru 1997 u KE , li twieldet fit-tmintax ta' Awwissu 2000.

3) Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m`ghadiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, minacci, insulti, mohqrija, eccessi, u ingurji gravi da parti tar-rikorrenti rikonvenzjonat fil-konfront tal-intimata rikonvenzjonata kif ukoll iz-zwieg taghhom tkisser b`mod irrimedjabbli tort unikament tar-rikorrenti rikonvenzjonata, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

4) Illi l-esponenti soffriet tul il-hajja taz-zwieg minhabba l-agir abusiv ta' zewgha liema abbuz kien jikkonsisti f'mohqrija psikologika u tortijiet ohra gravi li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni.

5) Illi minkejja diversi sforzi mill-esponenti, jirrizulta li ma hemmx lok ghal- rikonciljazzjoni, tant hu hekk li r-rikorrenti rikonvenzjonat qabad u telaq mid-dar f`Mejju 2013. Fil-mori, l-esponenti ukoll ippruvat tasal ghal ftehim bonarju izda t-tentattivi taghha sfaw fix-xejn.

6) Illi din l-Onorabbli Qorti awtorizzat il-prezentata ta' din il-kawza wara li tterminaw il-proceduri tal-medjazzjoni skond id-Dok "TA2" anness u mmarkat rikors odjern.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi jghid ir-rikorrenti rikonvenzjonat ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti rikonvenzjonat minhabba adulterju, sevizzi, minacci, insulti, mohqrija, eccessi u ingurji gravi da parti tieghu fil-konfront tal-intimata rikonvenzjonati kif ukoll li z-zwieg taghhom tkisser b`mod irrimedjabbli tort unikament tar-rikorrenti rikonvenzjonat.

2) Tawtorizza lil esponenti illi tghix separata mir-rikorrenti zewgha.

3) Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri LM u KE ,tigi fdata lill-esponenti salv l-access tar-rikorrenti fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti fl-ahjar interess tal-minuri.

4) Tikkundanna lir-rikorrenti sabiex ihallas lil esponenti martu, ghall-imsemmija tfal minuri dik ir-retta alimentarji xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti skond il-mezzi tar-rikorrenti u l-bzonnijiet tal-minuri pagabbli mir-rikorrenti lill-istess esponenti martu fil-gimgha jew xahar taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja li ghandhom jigi iffissati minn din l-Onorabbli Qorti.

5) Tapplika kontra r-rikorrenti interament jew in parti id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48, 51, u 53 tal-Kodici Civili (Kap 16).

6) Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-beni formanti parti mill-istess komunjoni okkorendo b`opera ta' periti nominandi u billi tigi stabbilita data li minnha r-rikorrenti rikonvenzjonat jitqies li jkun iddekada minn kull akkwist li sar mil-esponenti u billi jigi nominat Nutar sabiex jircievi l-att relattiv

u kuratur biex jirrapprezenta lir-rikorrenti rikonvenzjonat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att u billi tinkludi fis-sehem spettanti lill-esponenti sehem il-konvenut mid-dar formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti wara li tittiehed in konsiderazzjoni l-kreditu parafernali taghha kontra l-istess komunjoni u jigi stabbilit l-ekwiparazzjoni dovuta lir-rikorrenti rikonvenzjonat.

7) Tawtorizza lil esponenti illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Qorti.

**Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Rat ir- Risposta guramentata' ta' TA in via rikonvenzjonali ghall-kontro-talba tal-konvenuta AA fejn eccepixxa s-segwenti:-**

1. Illi t-talbiet tal-konvenuta in via rikonvenzjonali huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll legalment u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

2. Illi l-fatt illi TA allontana ruhhu mid-dar matrimonjali ma jfissirx illi z-zwieg tkisser minhabba ragunijiet imputabbli lilu kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-provi.

3. Illi l-kura u kustodja m`ghandhiex tigi fdata lil AA b`mod esklussiv u ghandha tkun wahda kongunta. Oltre illi ma jissistux ic-cirkostanzi illi jaghtu lok ghas-sitwazzjoni fejn l-eccipjent rikonvenzjonat ghandu jitlef il-kura u kustodja ta' uliedu, l-istess ulied ghandhom relazzjoni tajba hafna ma' missierhom kif ser jigi ppruvat.

**Salvi Eccezzjonijiet**

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat li gie nnominat il-Perit Alan Saliba bhala Perit Tekniku, li sussegwentement gie sostitwit mill-Perit Mario Cassar.

Rat ir-Relazzjoni tal-Perit Legali Dr.Vincent Galea datat 1 ta' Frar, 2024.[1]

**<u>IKKUNSIDRAT:</u>**

**<u>Fatti</u>**

1.L-attur ighid li ltaqa' mal-konvenuta fl-1990 u kienu zzewwgu erba' snin wara precisament fl-14 ta' Awissu, 1994. Tul dan il-perjodu, il-konvenuta kienet ilha sentejn tahdem bhala *first secretary* lill-

[1] A fol. 236

Ambaxxatur ta' Malta f'Bonn il-Germanja u kien fadlilha sentejn ohra.

Ighid li hu ukoll kellu zewgt impjiegi sabiex seta' jibni d-dar matrimonjali.

Jispjega li kienu bnew id-dar matrimonjali fuq l-art li missier il-konvenuta kien tah lilha u lil ohtha An . Il-konvenuta kienet ftehmet m'ohtha li huma jibnu l-ikbar apartment peress li ohtha kellha intenzjoni li tuza l-proprjeta' taghha bhala investiment.

Dwar il-kontribut tieghu lejn id-dar matrimonjali jishaq li kien assista l-*electrician* peress li kien studja sabiex isir *electrician,* kif ukoll installa l-*cable networks* fiz-zewg appartamenti u dan minhabba li dak iz-zmien kien qed jahdem mal-Melita Cable.

Dwar l-istruttura tal-bini, kien missier il-konvenuta li kellu l-ahhar decizjoni, peress li kien tahom l-art, izda kienu huma li hallsu ghall-ispejjes tal-kostruzzjoni. Il-gebel wahdu kien qam cirka Lm8000, izda qatt ma kien ra l-ircevuti. Da parti tieghu kien hallas Lm1600 lill-mastrudaxxa u xi oggetti ghall-ghamara u ghall-kcina. Pero' l-ircevuti kienet zammithom il-konvenuta, izda kien jikkalkola li kien hareg cirka Lm5000 qabel ma zzewwgu.

Izid ighid li kellhom kontijiet konguntivi kemm mal-HSBC kif ukoll mal-Bank of Valletta plc. fejn kienu jidhlu l-pagi rispettivi taghhom u minn fejn kienu jhallsu l-kontijiet taghhom.

F'Ottubru, 1997 kien twieled it-tifel taghhom L,u jghid li kien jiddedika hafna hin ghalih peress li kien jaf li l-konvenuta kienet impenjata hafna bix-xoghol taghha, L-istess kienet is-sitwazzjoni taghhom meta twieldet it-tifla taghhom K f'Awissu, 2000.

F'Gunju, 2001, il-konvenuta ntbaghtet Canberra bhala Deputy High Commissioner u fl-interessi tal-familja kien telaq mill-impjieg tieghu hawn Malta sabiex imorru jghixu l-Awstralja u kienu ddecidew li hu jiehu hsieb it-tfal u l-bzonnijiet tal-familja u d-dar, filwaqt li jwassal lill-konvenuta u jakkumpanjaha ghar-ricevimenti li kien ikollhom.

Jikkonferma li f'dan iz-zmien l-Awstralja, l-edukazzjoni tat-tfal kienet qed tithallas 90% mill-Gvern Malti u r-rimanenti 10% hallsuhom huma.

Fl-2004, meta t-tfal kienu tfarfru kien sab impjieg *full-time* u sakemm it-tfal kienu l-iskola kien jahdem ma' *car dealer*. Kien fl-2006 fejn kienu diga' bil-problemi fiz-zwieg u suppost kellhom jirritornaw lura Malta, izda kien iddecieda li jissepara u jibqa' jghix Canberra u dan wara li kien mar *counselling.*

Il-konvenuta rnexxiela takkwista l-post ta' Council General of Malta fil-belt ta' Melbourne u accetta li jaghmlu l-ahhar tentattiv sabiex isalvaw iz-zwieg taghhom u mar ighix maghha. Bhala zewgha, ir-responsabilitajiet tieghu zdiedu u ghalhekk kien difficli ghalih sabiex isib impjieg.

Fl-2006, waqt li kienu gew Malta, missier il-konvenuta kien qed jipprova jikkonvinciha sabiex jinvestew flushom f'proprjeta' gdida Malta meta l-pjanijiet kienu li jixtru proprjeta' Melbourne. Imma l-konvenuta semghet minnn missierha u ffissat li riedet tibqa' tikri Melbourne u jixtru proprjeta' Malta. Kienu ftehmu li jixtru proprjeta' li kienet tiswa Lm270,000 (€630,000) u missier il-konvenuta kien hareg Lm150,000 (€350,000) bhala rigal u parti mill-wirt taghha u sabiex ma jkunx hemm problemi ma' hutha kienu hadu self ta'

LM80,000 minghand il-Bank of Valletta plc. li kien qed jithallas permezz tal-kirja tal-istess post. Uzaw ukoll Lm40,000 li kienu gemmghu.

Dina l-proprjeta' kienet tikkonsisti f'*villa* bil-*pool*, minkejja li qatt ma kienu ghexu fiha llum tqum hafna flus. Kienu akkwistawha fil-15 ta' Dicembru, 2006 fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Attard[2] u dak iz-zmien il-Perit David Pace kien diga' stmaha ghall-valur ta' €675,500.[3] Jikkonferma li ghad hemm bilanc fuq is-self li ghad irid jithallas.

Izid ighid li waqt li kienu jghixu l-Awstralja ma kienux qed jithallsu n-*national insurance contributions* u ghalhekk tilef tmien snin mill-*allowance* tal-pensjoni tieghu li ma jistghux jigu rimborzati.

Meta fl-2009, rega' gie offrut lill-konvenuta li terga' tahdem Malta u kien accetta bil-kundizzjoni li tissapportjah fuq l-ideja tieghu li jwaqqaf kafeterija, izda missierha kien intervjena ghaliex hass li ma kienx negozju vijabbli u ghalhekk waqaf kollox hemm. Imbaghad f'Dicembru, 2009, kien beda *mobile pet grooming business* u sabiex waqqaf dan in-negozju kien hareg cirka €35,000 (€10,000 ghall-city and guild diploma, €10,000 ghall-vann u €15,000 bhala spejjes biex idawwru l-van ghall-grooming van). In-negozju kien sejjer tajjeb u mal-2011 kien irnexxielhom igemmghu €20,000, tant li marru vjagg tajjeb Los Angeles.

Kien f'Awissu, 2012, meta kien mar gimaghtejn ghand il-genituri l-Awstralja, fejn sar jaf li l-konvenuta kienet ilha tilmenta mal-familjari tieghu li ma kinitx kuntenta fiz-zwieg u dan meta lanqas biss inkwietat li l-genituri tieghu huma anzjani, Malli wasal Malta kien qal lill-konvenuta li kien ser jitlaqha. Kien anke attenda diversi

[2] Dok. A
[3] Dok. B

*counselling sessions* fuq l-insistenza tal-konvenuta, izda kien kollu ghalxejn.

F'Mejju, 2013 kien kera post Hal Balzan fejn ihallas bejn kiri, dawl u ilma cirka €330 u €340 kull xahar. Kien qed ihallas ukoll €300 fix-xahar ghall-uliedu. [4]

Sadanittant jispjega li kien baqa' jahdem bhala *pet groomer*, izda ma kienx qed ikampa peress li l-van li kien juza' kien qed itih hafna problemi u f'Dicembru, 2015 kien waqaf jahdem bhala *groomer*. Kien hemm intenzjonjiet li jwaqqaf *grooming business* flimkien ma' VV u KA , izda l-pjanijiet sfaxxaw fix-xejn.

Kien ghalhekk li wara hu u l-konvenuta kienu rcevew €14,000 mill-Eagle Star poloz ta' assikurazzjoni, kien investihom billi kera hanut B'Kara u kien beda *grooming business* iehor, bl-ghajnuna ta' ibnu L u bdew jiffunzjonaw fis-9 ta' Jannar, 2017. Kien anke hallas lura lil zijh €1,900 li kien sellfu sabiex xtrara mutur, kif ukoll hallas lura lil JS €1,500.

Ghandu ukoll dejn ta' €12,000 ma' VJ Salamone.

Jispjega li t-tifel L, illum ighix mieghu u ghandhom relazzjoni tajba hafna. Dwar K ighid li dina tghix mal-konvenuta u meta kien qed jixhed kienet qed tattendi s-Sxith Form St.Martin College bl-intendiment li tkompli tistudja ghall-Child Psychologist. Kull nhar ta' Sibt tmur tghin fil-hanut, filwaqt li L qed ikompli jistudja u jahdem mieghu part-time.

Jikkonferma li t-tnejn li huma ghandhom relazzjoni tajba hafna ma' uliedhom u jaghmlu kollox ghalihom.

---

[4] Dok. C

Qabel ma telaq mid-dar jikkonferma li l-introjtu tieghu kien dak li jirrizulta mid-Dokument XX u XX 2.

Jikkonferma ukoll li ghandu fil-pussess tieghu BMWX3 b'numru ta' registrazzjoni HBG 963 li kien xtara f'Dicembru 2019 ghall-prezz ta' GBP 12,000 u hallsu €9,000 biex irregistrawha Malta.

Kellu Vauxhall Movano 2006 model li kien juza ghax-xoghol li kien biegh ghall-valur ta' €500.

Jikkonferma ukoll li fl-2003 kienu xtraw garaxx f''Hal Balzan u skond il-Perit Claude Mallia kellu valur ta' €19,000.[5]

2**. Il-konvenuta** tghid li wara li zzewwgu l-attur kien ibiddel l-impjiegi tieghu, filwaqt li hi kienet tahdem mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin. Peress li sentejn qabel ma zzewwgu kienet intbaghtet il-Germanja, kienu ghamlu l-ewwel sentejn taz-zwieg ighixu separati hi l-Germanju u l-attur Malta.

L-incident li kien hemm meta l-attur kien halla gurnalista tippubblika artiklu dwar it-tieg taghhom u fejn ippubblikat l-ircevuti ta' dak li hallsu wassal ghall-ewwel indikazzjoni li kien ser ikun hemm problemi bejniethom. L-attur ried jitlaqha peress li l-familja taghha kienu ghamlu kjass shih u ma setax jifhem ghalfejn.

Tispjega li meta twieldet it-tifla K, kienet bdiet tahdem *reduced hours,* izda xorta wahda kienet qed thallas l-ispejjes kollha tad-dar, minkejja li l-attur kellu impjieg *full-time* u ghalhekk kellu paga.

Anke tul dan il-perjodu kien hemm problemi peress li l-attur kien tip ta' bniedem li jekk jitlifiha kien issir aggressiv u kien hemm

[5] Dok. E

okkazzjoni fejn ipprova jifgahha bl-imhadda, tant li kienet cemplet lill-genituri taghha bil-biza.

Kien anke gidbilha bhal meta mar Phuket, meta lilha kien qallha li sejjer Dubai u hassitha offiza hafna u anke meta xtara mutur u karozza ad insaputa taghha. Dan wassal ghal iktar glied u nuqqas ta' fiducja lejn xulxin.

Tispjega li l-attur kien ghadu jrid ighix hajja ta' guvni u lilha kien iwaqqaghlha l-moral u ma japprezzax l-impenn taghha lejn il-familja u x-xoghol. Dejjem ghalhekk ippruvat tikkuntentah u tipprova tkun mimmi t'ghajnejh, tant li biex izzommu kuntent rat kif ghamlet biex tiehu *posting* l-Awstralja, ghax kien dejjem ighajjarha li ma kinitx kapaci bhal shabha. Kienu fil-fatt damu jghixu l-Awstralja xi tmien snin u tul dak iz-zmien kien hemm perjodu fejn l-attur ma hadimx, imma kellu ukoll diversi impjiegi. Kienet dejjem tissapportajha anke meta kien jahdem u anke meta ma kienx.

Meta kien jahdem u kellu paga kien donnu qisu qed jircievi *pocket money* ghaliex ma kienx jikkontribwixxi lejn il-familja. Kienet hi li thallas kollox u ma kinitx taf x'kien jaghmel b'dawn il-flus.

Fil-fatt tispjega li meta kienu jghixu Canberra kellhom problemi u kien ser jitlaq, izda baqghu jghixu flimkien ghaliex ma setax jaffordja l-kera. Kien ghalhekk li ppruvat tmur *counselling* u l-attur kien mar darba u daqshekk.

F'dan iz-zmien ta' tensjoni, l-attur kien ikun aggressiv, bhal iqalleb il-kxaxen taghha u anke kien hemm okkazzjoni fejn tant ghafsilha

wiccha li kissrilha sinna u kien anke kisser il-*fire place* bil-*coffee table.*[6]

Meta kienu jghixu Canberra u t-tfal kienu tfarfru, l-attur kien baqa' ma jahdimx u ghalkemm kien ighin fit-tisjir u jwassal lit-tfal, kien ukoll isib hin ghall-passatempi tieghu u jqatta' hin mal-ommijiet tal-hbieb tat-tfal, meta seta' jsib *part-time* specjalment filghodu, ghax wara kollox xorta kienet spiccat li tiehu hsieb il-faccendi hi u tistudja mat-tfal hi.

Kien anke jfettilu johrog wahdu fil-*weekends* u tissuspetta li kien imur isuq il-mutur, Kien anke ghamel perjodu fejn kien jixtri l-oggetti minn Ebay u juza l-flus mill-kont fejn kienet tidhol il-paga taghha u jerga' jbieghhom bi profit u jpoggihom go kont tieghu u ghalkhekk kien evidenti li kien qed juza l-flus taghha biex javvanza finanzjarjament.

Tishaq li kien hemm perjodu fejn kienet hazin hafna  u dan wara li bdiet tircievi emails u ittri anonimi u dan kien imbarazzanti ghaliha ghaliex peress li kienet thadem mal-Konsolat Generali l-impjegati kienu raw dawn l-ittri u emails u anke minhabba t-theddid li kien fihom kellha tinvolvi l-pulizija.[7] Dan wassal sabiex kienet tilfet kull fiducja fih sa dan il-punt.

Meta rritornaw lura Malta f'Awissu, 2009, kien hemm intenzjonjijiet li jifthu kafe izda ma rnexxxielhomx u minn hemm nibtet l-ideja li l-attur jiftah *mobile grooming business*. Bejn il-kors li attenda, il-vann

---

[6] Bundle B u Dok. C

[7] Doks. D u E

li xtara u sabiex ikkonvertiha f'*salon* u tigi r*oadworthy*, kienu nefqu €34, 933 u ttiehdu mis-savings taghhom.[8]

Tikkonferma li peress li l-ideja kienet wahda innovativa n-negozju kien sejjer tajjeb hafna u kien qed jaghmel il-flus, tant li hadhom mawra l-Amerika ghal gimaghtejn u beda jiftahar li kien nefaq xi €20,000. L-attur kien qed jiddikjara *loss* ma' tat-taxxa pero' kien qed jaghmel flus, li sa anke siefer lejn l-Awstralja *Business class* u t-titjira giet tiswa xi €6000.

Il-konvenuta ttenni li l-attur ma tantx kien itiha soddisfazzjon mill-qliegh tieghu minn dan in-negozju u kien ipoggi l-flus li kien jaqla' gewwa s*afe* li ma kellix access ghalih. Inoltre, il-haga stramba hija li l-ispejjes tan-negozju kien ihallashom il-bicca l-kbira mis-salarju taghha u mill-qliegh tal-kera tal-post is-Swieqi.

Tikkonferma ukoll li missierha kien ha *bridge loan* fl-ammont ta' Lm150, 000 u kien hallasha kif ukoll l-imghaxijiet bi ftehim li dawn kellhom jitnaqqsu minn sehemha mill-wirt. L-attur ma kien kuntent xejn ghaliex ippretenda li missierha jahfirhomlha. Li kieku ma kienx ghall-missierha qatt ma kienu jixtru dan il-post.

Iz-zwieg wasal biex tfarrak kompletament minhabba l-kunfidenzi zejda li l-attur kien jaghti lin-nisa partikolarment meta kienu l-Awstralja. Spicca li lilha ma kienx jittrattaha bir-rispett u kien jabbuza minnha mentalment u kien okkazzjonijjiet meta kien anke abusiv fizikament, Kien ighajjarha b'kull kliem bhal "idiot," "Lemon tart" fost ohrajn. Tammetti li dan l-agir kien degradanti u umiljanti.

[8] Dok. F

Tikkonferma li llum l-attur qieghed f'relazzjoni u ilu ma' dina l-mara minn Frar/Marzu 2016 u dan saret tafu wara li tella' post fuq Facebok u gew juruha n-nies.[9]

Tghid li malli l-attur telaq mid-dar ghamel hiltu kollha sabiex juri li huwa sseparat u beda jghix hajja u jiddeverti u jisker.

Il-konvenuta tikkonferma li s-segwenti huma **assi parafernali** taghha:-

a) Il-paga mfaddla - €15, 230[10]
b) Life insurance policy NO. 3514647 mal-Eagle Star li mmaturat f'Ottubru, 2016 u thallset €14, 152 u dan wara li kienu *de facto* sseparati u l-attur kien diga' f'relazzjoni ohra.[11]
c) Il-fond "Eleon", Number 2, Triq tal-Ibragg, Swieqi li permezz ta' self bankarju kienet bniet l-istess fond u sad-data tat-tieg kien ghad fadal bilanc ta' €14, 923.[12]

Tghid li l-attur kien ghamel xoghol minimu ta' cables, pero' xoghol ta' kostruzzjoni u *finishings k*ienu thallsu minn missierha.

**Donazzjonijiet**

[9] Dok. H
[10] Dok. J

[12] Dok. K u L

Il-konvenuta ttenni ukoll li l-genituri taghha kienu jghinuha finanzjarjament u kienu ghalhekk tawha diversi donazzjonjiet li huma s-segwenti[13]:-

a) donazzjonijiet relatati mal-hlas tal-loan ta' "Ward u Zahar" u spejjes relatati mal-familja - €38, 900.
b) Ihallsu *comprehensive* Flexi Baby Bond Policy FP411702 u FP411720 ghall-ammont ta' €873.52 ghal kull wild kull sena ghat-tfal Liam u Kelly - €38, 435.
c) Ihallsu l-*condominium* tal-garaxx gewwa Balzan - €1034.

**<u>Kontribuzzjoni Parafernali fir-rigward tal-proprjeta' Ward u Zahar</u>**

Il-konvenuta tispjega li fiz-zwieg kienu xtraw il-fond 25, Ward u Zahar, Triq il-Qawsalla, Swieqi ghall-prezz ta' Lm270, 000. Biex xtraw dina d-dar tghid li kienu hadu self bankarju mill-bank Bank of Valletta plc, filwaqt li kien ittiehed *bridge loan ta'* Lm 150, 000 li l-genituri taghha hallsu, flimkien mal-imghaxijiet u li kieku ma kienx ghall-genituri taghha ma kienx jirnexxielhom jixtru dan il-post.

B'hekk il-konvenuta qed tippretendi €402, 632.

Izid tghid li missierha kien anke xtara l-ghamara kollha, hallas l-*interior decorating u* anke x-xogholijiet kollha li ammontaw ghal €29,676.

Tikkonferma li dawn l-ispejjes thallsu mill-genituri taghha bhala parti mill-wirt taghha.

[13] Bundle M

Ghalhekk, b'kollox qed tippretendi €402, 632 + €29, 676 **= €432,308.**

**Assi Parafernali tal-attur**

Il-konvenuta tiddikjara li l-attur kellu Life Insurance mal-Eagle Star li mmaturat fiz-zwieg u thallas - €14, 152.

**Dejn**

Minkejja li l-attur kien jahdem qatt ma kkontribwixxa lejn *loan* u sal-31 ta' Ottubru, 2022 kien baqa' dejn ta' €28, 696. Ghalhekk minn Mejju, 2013, tghid li dejjem hallset hi u b'kollox spiccat hallset €106,169.

Tghid ukoll li abbinat ma' dan is-self kien hemm Life Insurance Policy mal-Mapfre MSV Life PLC Policy No. 30009875/APO 27791 ta' €717,89 fis-sena ghal total ta' €6, 461 li dejjem kienet u baqghet thallasha hi.[14]

Izzid tghid, li flimkien ma' dawn l-ispejjes qed thallas ukoll l-Atlas Home Insurance Policy 096390059001. Li hija ukoll marbuta mal-loan u thallas €3, 212.

**Assi/Krediti tal-Komunjoni tal-Akkwsiti**

a) Il-hlas lura tas-self marbut mad-dar parafernali "Eleon," waqt iz-zwieg - €14, 923.
b) Id-dar Ward u Zahar – skond l-istima tal-Perit mqabbad mill-Qorti l-valur tad-dar sa Frar, 2022 giet stmata ghall-valur ta' €950, 000 u l-partijiet jaqblu fuq l-istess.

[14] Dok. O

c) Garaxx numru 7, San Valentino Mansions, Birbal Street, Balzan - €25, 000.

d) WetPets – dan in-negozju twaqqaf fiz-zweig bhala *business* ta' *pet grooming*. Dan beda f'April, 2010 u gie diregsitrat fit-23 ta' Dicembru, 2015.

Kif diga' spjegat ghal bidu l-business kien jigi gestiti minn *mobile van,* li sussegwentement, l-attur biegh ghall-valur ta' €500. Imbaghad beda jiggestixxi minn hanut li kien kera u n-negozju kien sejjer tajjeb hafna, tant li l-attur kien jivvjaggja ta' spiss u l-vjaggi kienu lussuzi,

Tammetti li l-attur, tul dawn il-proceduri, ghamel minn kollox sabiex rema' dak kollu li kien bena.

Sabiex bdew dan in-negozju kienu nefqu cirka €34, 933.

**Kura u Kustodja**

Il-konvenuta tikkonferma li fil-mori tal-kawza, uliedhom kienu saru maggorenni u m'ghadx hemm lok sabiex tinghata decizjoni fuq il-kura u kustodja taghhom.

**Manteniment**

Il-konvenuta tghid li ghalkemm illum it-tfal kibru, it-tifla ghadha qed tistudja ghall-Masters u kemm hi kif ukoll huha ghadhom ighixu d-dar, minkejja separatament.

Fil-fatt, Liam ighix mal-attur u tghid li dina kienet teknika tal-attur sabiex ma jhallasx manteniment ghalih.[15]

Tikkontendi li bejn Gunju, 2013 sa Dicembru, 2015, irceviet is-somma mizera ta' €300 kull xahar (ghaz-zewgt ulied) minghajr l-attur ma kkontribwixxa ghall-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

Ghalhekk qed tippretendi li bhala manteniment tithallas €27,450 u dan minn zmien is-separazzjoni taghhom *de facto.*

.

Imbaghad bejn l-1 ta' Jannar, 2017 sa Settembru, 2017 kien rega' beda jhallas €150 ghat-tifla.

Bhala spejjes edukattivi u tas-sahha qed tippretendi s-somma ta' €54, 068, li jinkludi fihom ukoll spejjes tal-privat li kienet thallsilhom[16], kif ukoll €7, 265 spejjes ta' sahha.[17]

3. **AV** , missier il-konvenuta jghid li z-zwieg ta' bintu mal-attur kien tfarrak minhabba l-komportament tieghu peress li ma kienx juri

[15] Dok. Q
[16] Dok. R
[17] Dok. S

rispett lejn il-konvenuta. Kien anke pprova jifgahha. Kien ghamel hajjet il-konvenuta infern, minkejja li huma dejjem urewh rispett.

Jispjega li meta l-partijiet xtraw il-post l-Ibragg kien deher hu fuq il-kuntratt peress li kellu prokura u dan kien fil-15 ta' Dicembru, 2006. Id-dar kienet ratha l-konvenuta, izda kien izjed mill-*budget t*aghhom u ghalhekk peress li l-post kien jidher bhala investiment tajjeb, kien offra li fejn ma jaslux bil-pagamenti jhallas hu. Peress li kien iddecieda sabiex ighin lill-konvenuta, kien ha hsieb kollox partikolarment peress li kellu l-prokura.

Jispjega li kien ftehmu fuq il-prezz ta' €270, 000, il-bank kien sellef lill-partijiet Lm83, 000 u nharget *bridge loan* ghal Lm150, 000 li kien hallas hu, Dan inghata sakemm biegh xi proprjeta' li kien jinnegozja. Sakemm salda dan is-self kien ihallas l-imghaxijiet ta' 5% relatati mal-istess bridge loan. Bhala kapital u imghaxijiet ighid li kien hallas cirka €402, 632.15 u cioe' Lm150, 000 li jigu €349,406.01, flimkien ma' €53, 226.14 imghaxijiet. Il-*bridge loan* kien inghalaq f'Settembru, 2011.

Dawn il-flus li jhallas kien marru kontra sehem il-konvenuta mill-wirt taghha,

Ighid ukoll li ma kienx ghen biss fl-akkwist tal-proprjeta' izda anke fil-hlas ta' xogholijiet ta' *refurbishments* u xiri ta' ghamara sabiex setghu jikruha mill-iktar fis u fil-fatt malli krewha, bl-istess kera kienu jaqtaghu l-loan.

Ighid li kien hallas €29, 676 li kineu jikkonsistu fi *plumbin*g, tibjid, il-*handyman, air conditioners, appliances*, twieqi u bibien, irranga l-ghamara u ghamel il-purtieri ukoll. Dawn iqishom bhala donazzjoni.

Jispjega ukoll illi uliedu ghandhom x'jaqsmu ma zewg kumpaniji The Carriage Wheel u Masons CO Limited u din tal-ahhar kien ghamilha ghat-tfal u ghalkemm ghandhom ishma ugwali bejniethom ghandu kontroll assolut fuqha. Meta tah ishma lill-konvenuta fis-socjeta' Carriage Wheel Co.Ltd. dan kien mal-ftuh tal-kumpanija. Hija azzjonista fiz-zewg kumpanijia flimkien ma' ohtha An.

Jikkonferma li qatt ma thallsu *dividends* minn dina l-kumpanija u ghadha attiva sallum.

Jispjega li meta beda l-inkwiet mal-attur, kien ghenuha finanzjarjament u kienu tawha madwar €40, 000. Jikkonferma li kien fetah ghan-neputiji kollha, inkluz Ilma u K , baby bonds u kien ihallashom hu.[18] B'kollox kien hallas €873.52 ghal kull wild.

Izid ighid li kien hallas ukoll ghall-ispejjes tal-c*ondominium* tal-garaxx u l-maintenance.

Jikkonferma li l-konvenuta u ohtha kienu xtraw l-art fejn inbnew l-appartamenti |Apartment 1 u Apartment 3, "Eleon." Kien ha hsieb kollox hu sabiex jitlestu x-xogholijiet, Ghalkemm ghamel hafna ghal dawn l-appartamenti jikkonferma li m'ghandux ircevuti u jzid ighid li l-attur kien ghen biss lill-*electrician* meta kien qed ighaddi d-dawl.

4.**MA** z-ziju tal-attur jikkonferma li meta l-attur kien telaq mid-dar matrimonjali kien mar joqghod fil-vicinanzi tieghu sabiex ighinu.

Jikkonferma li kien jaf li l-attur kien jaghmel xoghol ta' *grooming* tal-annimali u kien sejjer tajjeb hafna, izda l-vann li kien qed juza ghax-

[18] Doks. Av 1 u AV 2

xoghol kien qed itih hafna problemi, tant li setax iktar ikompli f'xogholu.

Minhabba f'hekk id-dhul tieghu naqas u kellu jsellfu l-flus u jispjega li bhalissa l-attur qed jaghmel xoghol ta' *grooming* mid-dar tieghu stess biex ikun jista' jlahhaq mal-ispejjes ta' kuljum. Fejn ma jlahhaqx jammetti li jghinu huwa stess u darba fix-xahar imur ighinu fil-faccendi tad-dar, kif ukoll gieli hallaslu l-ikel.

Jikkonferma ukoll li l-attur gieli hallas manteniment u kien jaf li kien jammonta ghall- €300 fix-xahar,

In kontro-ezami jzid ighid li l-attur gieli hadem ukoll fil-post Falco, San Gwann u llum qed jirranga hanut li kera f'B'Kara fejn ghandu kera ta' cirka €15 kuljum.

Dwar passatempi tal-attur jikkonferma li qabel kien jilghab il-c*ricket* u l-h*ockey* u jmur il-gym, izda minhabba l-ispejjez finanzjarji jghid li waqqaf kollox.

Jikkonferma ukoll li l-attur kien mar xahar it-Tajlandja ma' certu JS , habib tieghu li kien sellfu l-flus ghal dina l-btala. Jikkonferma ukoll li waqt dan il-vjagg kien iltaqa' ma' wahda Skocciza.

In kontro-ezami jikkonferma ukolll li l-attur gieli telaq mid-dar matrimonjali meta kien ikollu xi jghid mal-konvenuta u kien imur joqghod ghandu.

Jishaq li kien sellef lill-attur €4500 fi flus kontanti u ghadu ma hallsux lura. Kien uzahom biex fetah il-kawza u mhux qed jigri warajh ghall-hlas. Ighid li jahseb li l-attur jaqla cirka €1200 fix-xahar.

Jikkonferma ukoll li l-attur kien nehha n-numru tal-VAT u dan minhabba li kien ftehim ma' haddiehor fuq xi xoghol iehor li mbaghad ma sehhx.

5.**Johanna Bartolo** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet irrizultawlha s-segwenti kontijiet bankarji f'isem il-konvenuta:-

- Young savers account illum maghluq[19]
- Savings e-account ghadu miftuh[20]
- Savings account li ghadu miftuh[21]
- Current account li ghadu miftuh[22]
- Savings account li ghadu miftuh[23]

Bhala kontijiet kongunti hemm erba':-

- Current account ghadu miftuh[24]
- Savings account ghadu miftuh[25]
- Home loan ghadu miftuh[26]
- Savings account ghadu miftuh[27]

Kienet inxtrat ukoll lifelink policy bin-numru AP027791 li tkopri l-hajja taz-zewg partijiet. Jirrizulta li dina l-polza nxtrat minghand il-Mapfre Middlesea u hija ppleggjata favur il-loan li hemm fuq il-kontendenti,

[19] Dok.JB1
[20] Dok. JB 2
[21] Dok. JB 3
[22] Dok. JB 4
[23] Dok. JB 5
[24] Dok. JB 6
[25] Dok. JB 7
[26] Dok. JB 8
[27] Dok. JB 9

Ma rrizultawx kontijiet f'isem l-attur.

6.**Il-Prokuratur Legali Dr.Quentin Tanti, in** rapprezentanza tar-Registratur tal-Kumpaniji kkonferma li l-konvenuta hija nvoluta f'zewg kumpaniji a) The Carriage Wheel Co. Ltd (C 2157) u ghandha 1730 sehem ordinarju B[28] u b) Masons Co. Ltd. (C 3063) bhala azzjonista u ghandha 10, 674 sehem ordinarju B[29].

7.**A Z L** oht il-konvenuta tikkonferma li tahdem bhala accountant.

Tghid li l-konvenuta kienet tahdem Bonn, il-Germanju fiz-zmien l-gherusija u ma kinitx qablet li l-partijiet ghandhom jizzewwgu waqt li kienu separati, izda l-attur baqa' jinsisti.

Fl-1996 reggghu gew Malta u sadanittant kellhom lil L u wara lil K . Tghid li l-konvenuta kienet tahdem bir-*reduced hours* sabiex setghet tiehu hsieb lil K.

Tispjega kif il-konvenuta dejjem inkuraggat lill-attur biex dejjem itejjeb l-impjieg tieghu u kienet strumentali fit-twaqqif tal-Wet Pets business.

Tghid li l-attur kien tip ta' persuna li kellu hafna passatempi bhal *cricket* u anke l-*hockey* u fil-*weekends* kien johrog jilghab jew isiefer fuq t*ournaments*, filwaqt li l-konvenuta kienet toqghod id-dar tiehu hsieb it-tfal. Il-konvenuta hija iktar persuna bil-ghaqal li kienet igemmgha u tamministra l-finanzi sew, pero' l-attur kien iktar persuna rresponsabbli li kien ighix ghall-gurnata u kien ihobb

[28] Dok. QT 1
[29] Dok. QT 2

iberbaq, tant li l-konvenuta kienet tinkwieta li jispiccaw bla flus peress li l-attur ma kienx joqghod attent. Dan kien  iwassal ghal hafna glied bejniethom.

Il-konvenuta kienet tippreferi li kieku l-attur kien jinvolvi ruhu iktar fil-finanzi tal-familja, izda kien komdu jhalli f'idejha u jgawdi mill-introjtu taghha, filwaqt kien jikkonsidra li l-paga tieghu kienet tieghu biss. Dan kien ukoll punt ta' glied bejn il-partijiet.

Kienu anke jiggieldu minhabba l-atteggjament tal-attur u l-konvenuta sa anke marret ghall-*counselling.* L-attur kien mar biss darbtejn u ma kienx ikkalkolah izjed.

Problema ohra li kienet tara kienet li l-kontendenti kellhom prioritajiet differenti, ghaliex filwaqt li l-konvenuta kienet taghti hafna importanza l-edukazzjoni ta' uliedhom u riedthom jattendu skola privata, ghall-attur ma kinitx taghmel differenza u ghalih setghu jattendu skola tal-Gvern.

Il-konvenuta dejjem ghamlet l-almu taghha sabiex tattendi *parents day* u kwalsiasi attivitajiet tal-iskola u anke ghal dak li jirrigwarda sahhithom, mentri l-attur kien insensittiv ghall-ahhar, tant li ddecieda li jitlaq mid-dar meta Liam kellu l-O'Level tal-Physics, li spicca halla l-ID warajh.

Tispjega li l-attur kien ighir ghall-konvenuta peress li kellha relazzjoni tajba hafna mal-familja taghhom, mhux bhalu li kien distanti mill-familja tieghu.

Izzid tghid li kienet tirrabbja peress li l-konvenuta kienet tahseb ghaliha fl-ahhar, meta l-attur kien jiehu kull opportunita' sabiex jiehu vantagg, pero' kienet kuntenta li ohtha kienet insistiet li jigu lura Malta u ma jibqghux ighixu l-Awstralja ghaliex kellha bzonn l-ghajnuna.

Meta bdew il-problemi sew tikkonferma li l-konvenuta kienet tkellmet ma' omm l-attur, izda dwar problemi iktar serji kienet tkellmet maghha u ma' ommhom.

Tishaq li kemm hi u zewgha kienu raw li l-attur kien bla rispetti lejn martu u kienet tkellmet mal-konvenuta li ma setghetx tibqa' tghix hekk, pero' dejjem kienet tipprova sabiex izzomm il-familja maghquda.

L-attur huwa persuna sensittiva u kien jiehu ghalih malajr. Kien anke rasu iebsa u peress li t-trobbija taghhom u l-principji taghhom kienu ferm differenti kien jidher li dan iz-zwieg ma kienx ser jahdem.

L-attur ukoll ried juri li organizza t-tieg wahdu, meta dan ma kienx minnu, tant li kien accetta li jitkeb artikolu fuq it-tieg u li ha hsieb it-tieg u sa anke ppubblika l-ircevuti li kienet haga imbarazzanti.

Ittenni ukoll li l-attur kien inganna lill-konvenuta diversi drabi kemm meta akkwista mutur u anke vettura u ma kienx qallha u meta siefer lejn it-Tajlandja, mentri suppost kien mar Dubai.

Izid tghid li l-attur kien persuna "flirtatious," abusiv kemm fizikament kif ukoll verbalment, kif ukoll dominanti hafna u ssemmi diversi

incidenti in sostenn ta’ dan. Tinsisti li kemm il-darba ppruvat tiftah ghajnejn il-konvenuta li zewgha kien ghamilha tapit tieghu.

Tispjega ukoll li l-konveuta dejjem kienet dik li l-iktar provdiet lejn il-familja, anke meta kienet qed tahdem fuq *reduced hours* u anke meta l-attur kien qed jiggestixxi n-negozju ta’ Wet Pets.

Meta l-attur iddecieda li jitlaq f’Mejju, 2013, kienu ghadhom *de facto* sseparati u kien iddecieda li ma riedx jghaddilha izjed manteniment, tant li anke rnexxielu jissepara lit-tfal, tant li Liam mar ighix mieghu. Hija l-konvenuta li dejjem baqghet tipprovdi ghat-tfal u l-attur ma jikkontribwixxi xejn.

Izzid tghid li l-konvenuta baqghet thallas il-loan fuq “Ward u Zahar” u kienet qed thallas €1200 fix-xahar, izda meta ma bdietx tlahhaq tikkonferma li l-genituri taghha bdew ighinuha, tant li kienu hallsu xi €40, 000.

Tispjega ukoll kif il-genituri taghhom ighinu li jiddepositaw flus fil-kontijiet bankarji ta’ uliedhom sabiex ikollhom il-finanzi jekk kemm il-darba jkunu jridu javvanzaw fl-istudji taghhom.

Dwar in-negozju ta’ WetPets, tghid li l-konvenuta dejjem issapportjat lill-attur u bhala accountant kienet tat parir finanzjarju lill-attur kif l-ahjar imexxi l-finanzi. Ma kienx joffri li jhallas ghall-*book keeping* li kienet taghmillu, minkejja li ma kienet qed tippretendi xejn, izda ukoll kienet irrabbjata li l-attur ma tantx kien qed isegwi l-pariri taghha.

Madanakollu, tghid li n-negozji kienu miexi tajjeb hafna u kien qed irendi, izda lill-konvenuta ma kienx ighaddilha xejn minnu, anzi kien jiftahar li bla studju kien ghamel iktar success mill-konvenuta. Kien qed irendilu zgur bejn €48, 000 u €60, 000 fis-sena.

Tikkonferma li l-art fejn inbniet id-dar matrimonjali tal-partijiet kien taghilhom missierhom u huma kienu bnewha.  Tghid ukoll li l-attur kien ghamel il-*wiring* tal-intercom u tal-Melita.

Izzid tghid li kienu hallsu l-bennej mil-*loan l*i kienu hadu. Tghid ukoll li ma tafx jekk l-attur kienx hallas xi haga lejn il-bini. Il-konvenuta kellha xi flus li kienet gemmghet qabel iz-zwieg u hallset il-*loan* minn dawn il-flus.

Tikkonferma ukoll li l-kontendenti ghandhom proprjeta' komuni gewwa l-Ibragg, fejn kienu hadu loan ghal dina l-proprjeta'.

Tghid li tiehu hsieb l-interessi finanzjarji tal-kumpanija Masons u zzid tghid li missierha kien *ha bridge loan* personalment mhux fuq Masons. Fuq dina l-kumpanija ma thallsux *dividends* u l-ahhar li kienu thallsu kienu qabel ma bdiet izzomm il-kotba tal-kumpanija Masons iktar minn ghoxrin sena ilu.

Tghid li ma tafx jekk missierha jghaddix flus direttament lill-konvenuta.

Tikkonferma ukoll li missierha kien ghadda l-ammont ta' Lm150, 000 bhala donazzjoni lill-konvenuta. Missierha kien ihallas l-interessi fuq il-*bridge loan* (€53, 226). Imbaghad zzid tghid li l-flus li missierha tah lill-konvenuta kienu bhala sehemha mill-wirt u ghalhekk inghatawlha bhala donazzjoni f'hajjitha. Missierhom kien anke hallas xi €30, 000

sabiex irranga d-dar u hafna mill-manutenzjoni sar mill-*handyma*n tieghu RC .

Tishaq li meta l-partijiet kienu gew lura Malta, l-attur kien segwa kors ta' *pet grooming* u beda n-negozju tieghu minn vann. Dan kien f'April, 2010 u baqa' jaghmel dan ix-xoghol sas-snin 2015/2016.

Tikkonferma li kienet tiehu hsieb l-accounts tieghu u kellha access ghall-ircevuti fiskali tieghu, Kienet anke timlilu l-formoli tat-taxxa u anke l -VAT ghas-snin April 2010 sa Dicembru, 2012.

Dwar is-socjeta' Masons tikkonferma li dina ghandha d-dejn dovuti lill-banek u inoltre kien hemm zieda fis-*share capital* fuq talba tal-banek.

8. **Bernard Zarb** in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-*employment history* tal-attur.[30]

9. **Dr. GS** kienet tahdem mal-konvenuta fi zmien li kienet stazzjonata Canberra. Kienet taf li l-attur kien joqghod id-dar jiehu hsieb it-tfal, filwaqt li l-konvenuta kienet impenjata hafna. Izda l-attur kien iwassal lill-konvenuta ghad-diversi mpenji li kien ikollha u kien tip li kien ikompli peress li kien umoristiku, kien pjuttost tip li jhobb jifflertja u jkun ic-centru tal-attenzjoni. Innutat ukoll li l-attur kien jipprova jbaxxi lill-konvenuta li kienu mbarazzanti xi kultant.

   Izid tghid li l-attur kien attiv hafna f'Canberra, imur fuq ir-rota, jilghab *cricket* u anke *hockey.* Kien sar hbieb mal-mammaijiet u kien jiffrekwentahom.

[30] Dok. BZ 1

Kien hemm zewg okkazzjonijiet fejn kienet imhassba fuq l-attur u dan wara li l-konvenuta kienet irceviet email minn certu GT li fiha kien hemm theddida fejn avza lill-konvenuta biex izzomm lill-attur 'l boghod minn zewgha.

Ftit xhur wara l-konvenuta kienet irceviet ittra anonima li donnu kien minghand omm fejn kienet qed tavza lill-konvenuta bl-imgieba hazina tal-atttur mal-ommijiet tal-iskola u dan fil-presenza tat-tfal. Kienet avzat lill-konvenuta b'din l-ittra peress li kienet fethithomlha.

Tghid li l-konvenuta dejjem kienet tiehu hsieb lill-familja u lil uliedha, habbrieka u dejjem tohrog minn triqitha sabiex tghin.

10. **J KA JO D** habiba tal-partijiet tikkonferma li saret tafhom peress li l-ex zewgha kien habib tal-attur. Meta saret tafhom kienet indunat li l-attur kien tip li jhobb jifflertja u jhobb jidher helu man-nies. Il-konvenuta kienet iktar tip ta' bniedma umli u mudesta li dejjem ghamlet l-almu taghha sabiex iz-zwieg taghha jkampa.

Maz-zmien fl-gherusija taghhom kienet bdiet tinduna li l-attur kien jipprova jirridikola lill-konvenuta u fl-istess waqt jiftahar bil-proprjeta' li kellu missierha u kien jissaporti fiz-zwieg ghax il-konvenuta kienet tat tajjeb. Kien ovju ghaliha li l-attur kien izzewweg lill-konvenuta ghall-flus taghha.

Tghid li anke bhala missier tal-familja kien nieqes mir-responsabbilitajiet u dan minhabba li kien iktar jaghti prioritajiet lill-*cricket,* fejn kien isiefer ma' zewgha relatat mal-istess sport u minflok il-konvenuta kienet tispicca toqghod id-dar tiehu hsieb il-famija.

Tghid li fl-2010, il-konvenuta kienet ghenet lill-attur sabiex jixtri vann li kkonverta b'mod extravanganti bhala *grooming van* u minn dan ix-xoghol, l-attur ma kienx qed ipoggi l-introjtu tieghu fil-komunjoni tal-akkwisti u sussegwentement biegh dan il-vann ghall-valur ta' €500 lil hu l-ex ragel taghha. Kien imbaghad beda jmexxi n-negozju minn hanut f'Hal Balzan.

11. **M k/a MR M** , zit il-konvenuta li kienet tghix Canberra tikkonferma li kienet kuntenta hafna meta saret taf li l-kontendenti kienu ser imorru jghixu l-Awstralja.

Ittenni li l-attur kien ghamel zmien id-dar kiehu hsieb lil K u kien anke ghamel zmien jahdem ma-tifel taghha bhala *part-time waiter*, imbaghad fir-*real estate* u anke *f'car dealership*, imma ma kellux impjieg regolari. Fil-hin liberu tieghu kien ukoll jilghab il-*hockey* u l-*cricket.*

Minkejja li l-konvenuta kienet impenjata sew peress li kienet Deputy High Commissioner, xorta kienet tlahhaq mad-dar u anke mat-tfal.

Kienet ukoll tinkwieta peress kienet tara l-mod kif kien jittratta lill-konvenuta anke fil-presenza tan-nies u kienet kellmitha dwarha.

12. **RJ** , zit il-konvenuta tispjega li kellha relazzjoni tajba hafna tal-partijiet u kienu jiffrekwentaw lil xulxin, Kienet bdiet tinduna li kien hemm problemi fiz-zwieg taghhom fl-2004 ghax il-konvenuta kienet tilfet dik ix-xintilla f'ghajnejha.

Tul is-snin kienet indunat li l-attur kien jikkontrolla lill-konvenuta u kien anke jghaddi rimarki kontra l-konvenuta fil-presenza taghha.

Indunat minn dak li kienet tara li kien persuna inkapaci li juri mhabba u empatija.

Fis-sena 2012, minkejja li l-konvenuta kien jirnexxielha tiehu hsieb il-familja u tahdem *full-time*, l-attur beda negozju tal-*pet grooming* u kien jiftahar li kien qed jaghmel iktar flus mill-konvenuta bla ma kellu bzonn jistudja. Pero' fl-istess waqt kien ghazzien peress li kien irid jillimita l-*grooming* ghall-erbat iklieb.

Kien hemm okkazjoni minnhom fejn il-konvenuta giet ghand ommha nkwietata peress li kienet qed tistenna cekk sabiex thallas il-mizati tal-iskola tat-tfal, peress li l-attur ma riedx ihallashom.

Kienet iktar konvinta li l-attur kien izzewweg lill-konvenuta ghall-flus biss.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**<u>Responsabbilita'</u>**

L-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma' martu l-konvenuta u jaddebita lilha l-htija tas-separazzjoni u jiccita l-premessi generali bhala l-aggravji li waslu ghat-tifrik taz-zwieg.

Fil-kontro-talba taghha, il-konvenuta taddebita l-htija tas-separazzjoni lill-attur minhabba adulterju, sevizzi, minacci, insulti,

mohqrija, eccessi u ingurji gravi u li z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di***

***oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…***

***Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."***

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017: ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***

***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja***

***ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***

Gie enuncjat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Il-partijiet kienu zzewwgu fl-14 ta' Awissu, 1994 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal L u K li llum huma maggorenni.

Il-konvenuta kienet tahdem fis-servizz diplomatiku u l-ewwel sentejn taz-zwieg kienet stazzjonata l-Germanja. Dak iz-zmien l-attur kien jahdem Malta u ma kienx mar ighix maghha.

Huwa minnu li l-konvenuta kellha impjieg tajjeb u kienet ikkoncentrata fuq il-karriera taghha, pero' madanakollu mill-provi ma jirrizultax li qatt naqset lill-familja, ghaliex kienet dejjem taghmel hilitha biex tkun prezenti fejn kien hemm in-necessita' u fil-weekends kienet dejjem tkun hemm ghat-tfal.

Il-konvenuta dejjem kienet thossha ggudikata mill-attur li kien jghajjarha li ma kinitx kapaci bhal shabha u tinghata *posting* ahjar fil-korp diplomatiku u tinsisti 'l hawn u 'l hemm irnexxielha takkwista *posting* l-Awstralja. B'hekk hassitha ferhana kif tammetti l-konvenuta stess ghaliex kienet tidher ahjar f'ghajnejn zewgha l-attur.

Ghalhekk, ghal dina l-Qorti mhix gustifikazzjoni tal-attur li jghid li kellu jissagrifika x-xoghol tieghu hawn Malta sabiex isegwi lill-konvenuta u ghamel sagrificcji sabiex hi tilhaq fil-karriera taghha.

Mill-rizultanzi processwali jirrizulta li peress li saz-zmien li kellhom imorru jghixu l-Awstralja, il-konjugi A  kellhom zewgt itfal u kien hemm ftehim bejniethom, li filwaqt li l-konvenuta tkompli b'xogholha li kien impenjattiv hafna, l-attur jiehu hsieb it-tfal, jehodhom l-iskola u anke l-attivitajiet extra-kurrikulari.

Hemm verzjonijiet kontrastanti in kwantu jirrigwarda z-zmien li kienu jghixu l-Awstralja, fejn kienu damu b'kollox xi tmien snin. It-tnejn jikkonfermaw li l-attur kien ighin bit-tfal u l-konvenuta kienet taghti s-sehem taghha meta kienet tkun id-dar, pero' l-konvenuta kienet

konvinta li l-attur approfitta minn dawn ic-cirkostanzi u seta' jikkontribwixxi iktar lejn il-familja, partikolarment b'mod finanzjarju.

Gie kkonfermat li kellu hafna passatempi, jilghab il-*hockey*, il-*cricket,* u anke jiffrekwenta lill-ommijiet tat-tfal tal-iskola u kien hadem f'diversi xogholijiet differenti, pero' xejn stabbli. Huwa dan l-ilment tal-konvenuta peress li waqt li t-tfal kienu l-iskola, l-attur seta' jahdem u mhux minflok ighaddi l-hin fil-passatempi tieghu.

Dan kollu huwa kkorroborat minn diversi xhieda, fosthom MR M , li fi kliemha stess tghid li ***"From my point of view, it seemed that A was juggling both work and family life pretty much on her own. Her husband did offer some support, but it didn't look to me as though he was putting much effort as A ."***

Tul iz-zwieg kien hemm problema da parti tal-attur li kien jipprova jirridikola lill-konvenuta kemm il-darba fil-presenza ta' nies ohra. Dan gie kkorroborat minn diversi xhieda – AV ighid li "***Jiena nghid illi r-relazzjoni ta' bejnet A u T, tfarrket minhabba l-mod ta' kif gab ruhu maghha. Kien jittrattaha hazin fis-sens illi ma kienx juriha rispett"*** u J D kellha xi tghid hekk f'dan ir-rigward :-

***"T started showing his true colours, when he started to belittle her behind her back, and in front of her as well, before a lot of people. T used to speak very ill of A within our group of friends at the time and I recall that one time we were eating at the Dragonara Pizzeria, and when it was time for dessert and I was asked what I wanted, I had replied that I wanted a lemon tart, to which T proceeded to comment "mela just like my wife!"***

***comparing A to a lemon tart in a derogatory way, who was also pregnant at the time."***

Il-konvenuta stess tikkonferma li kien jindirizzaha b'kliem dispreggjativ bhal "psycho patient," "idiot," "miserable cow" u anke "lemon tart."

L-attur jikkontendi ukoll li l-konvenuta kienet tikkunsidrah bhala nemla u inferjuri ghaliha peress li kien il-hin kollu jbiddel l-impjieg, mentri hi kienet tal-livell ghola. Jista' jaghti l-kaz li dan kien minnu, ghax ovvjament kulhadd ikun jehtieg l-ahjar, pero' certament l-atteggjament tal-attur ma jhalli ebda dubbju li ma kellu l-icken rispett lejn martu.

Kien hemm incidenti fejn kien vjolenti maghha. Darba pprova jifgaghha bl-imhadda u dina l-verzjoni hija kkorroborat minn missier il-konvenuta A V li jikkonferma li l-konvenuta marret ghandhom imbezza'.

Kien hemm okkazzjoni ohra fejn kien tant ghafsilha wiccha li nqalghatilha sinna li kwazi belghetha. Dina l-verzjoni tal-konvenuta hija ukoll ikkorroborata minn ohtha AZL . [31] Kif ukoll kien anke jsabbat l-ghamara meta jkun f'rabja.

Apparti l-vjolenza, ngabu provi mill-konvenuta li l-attur kien ingannaha diversi drabi, l-ikbar fosthom, meta xtara mutur ad insaputa taghha u kien hbieh ghand habib tieghu. Kien ighidilha li hiereg u wara saret taf li kien imur isuq il-mutur, Kien anke xtara karozza u uza l-fondi tal-konvenuta minghajr ma kienet taf u anke

[31] Ircevuta tad-dentist esebita.

kien qalilha li sejjer Dubai, u minflok mar it-Tajlandja ma' habib tieghu.

Kien anke qabad vizzju jixtri l-affarijiet online u juza flus l-konveuta, imbaghad ibieghhom bi profit u jzomm il-flus.

Dan iwassal ghall-problema ohra fiz-zwieg taghhom. Mhux kontestat li l-konvenuta trabbiet f'familja fejn kienu ekonomikament sodi u donnu l-attur u anke familtu, partikolarment zijuh ma setghux inizzlu dan il-fatt. B'hekk l-attur donnu ha atteggjament li kulma jaqla' huwa tieghu u kulma ghandha l-konvenuta huwa tieghu ukoll.

Dan johrog car meta l-konvenuta kienet ghenet u sapportjat lill-attur sabiex iwaqqaf il-mobile pet grooming u dan kien wara li regghu gew ighixu Malta. Kienu nefqu ammont sostanzjali ta' flus, pero' l-qliegh, l-attur kien izomm gewwa *safe* fejn il-konvenuta ma kellhiex access ghalih. Kien iqis dawn il-flus bhala *pocket money* ghalih u jberbaqhom kif irid, filwaqt li l-konvenuta kien ikollha tiehu hsieb l-ispejjes u l-kontijiet tal-familja.

Kien biss meta l-attur kien beda sejjer tajjeb fin-negozju tieghu li ddecieda fil-fatt li jitlaq lill-konvenuta u ghalhekk dan juri bic-car li l-attur f'hin minnhom kien iddecieda li ma riedx jibqa' f'dan iz-zwieg. Hejja t-triq biex jitlaq meta kien jaqbillu izjed, biex imbaghad beda jilmenta li ma kellux flus ghax kellu jikri post fejn ighix, kellu l-kera tal-hanut minn fejn kien qed jiggestixxi n-negozju, anke kellu ftehim fejn kien ser jidhol f'negozju fil-grooming tal-annimali u dan sfaxxa fix-xejn. Dan kollu sar bl-intenzjoni biex ma jkomplix ihallas manteniment ghall-uliedu.

Oht l-istess konvenuta tikkonferma dan dwar l-attur –

***"Tony was not interested in partaking of the financial aspect of things that is increasing the family's wealth, but he was more interested in enjoying the lifestyle that came along with A 's income. On the other hand, his personal income, to his mind did not belong to the family, but to him personally. I believe that this unequal contribution put a lot of strain on the relationship given that T could have easily contributed more financially."***

L-istess konvinzjoni hija dik ta' J D , habiba tal-partijiet li ssostni hekk:-

***"That TA , AA'S (A) ex-husband, has proven himself time and time again, and more so now with these proceedings, that he was fraudulent and deceitful towards A and their marriage and was only with A to bleed her dry from her wealth and money, with no gain towards the family they built together…..That I am a close friend to both A and T, and can attest to the nature of their relationship for over three decades."***

R J kellha kliem iebsin fil-konfront tal-attur f'dan ir-rigward:-

***"It became evident that T had married for money and not for love. He never gave me the impression that he cared for his family, but that he was a jealous man with a love for money. Thus, it became evident to me that T was indeed a Dr. Jeckyll and Mr.Hyde, a true Machiavelli."***

**<u>Adulterju</u>**

Fil-kawza **Josephine Edwards vs Avukat Dr.Joseph a. Xuereb noe**. Il-Qorti qalet illi "***Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn***

***ta' testimonjanza "de visu," jew il-flagranza, bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci, li jwasslu lill-gudikant ghall-konvincement tal-fatt."***

Fl-assenza tad-disposizzjoni legislattiva li tillimita dina l-provi, huwa ormai pacifiku fid-duttrina u gurisprudenza li l-adulterju "***dejjem gie meqjus bhala l-kawzali l-aktar gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali .."***[32]

Il-konvenuta tattribwixxi li l-attur ikkommetta adulterju fil-konfront taghha u dan bejn Frar/Marzu, 2016 u tikkonferma li saret taf minn fuq Facebook fejn saret taf li kien iltaqa' ma' wahda Skocciza LMC li llum qieghed f'relazzjoni maghha.

F'dan ir-rigward, dina hija l-unika prova li pproduciet il-konvenuta u inoltre, jekk verament kien hemm dan l-adulterju, sehh wara li l-attur kien diga' telaq mid-dar u ghalhekk kienu *de facto* sseparati.

Zijuh stess pero' jikkonferma li kien jaf li l-attur kien qieghed f'relazzjoni.

Madanakollu, dina l-Qorti mhix konvinta li l-attur huwa xi wiehed innocenti u safa vittma tal-akkuzi ta' martu. Hawnhekk il-Qorti taghti importanza tal-ittri anonimi li bdiet tircievi l-konvenuta fuq il-post tax-xoghol, li kkrealha hafna sitwazzjonijiet imbarazzanti, primarjament minhabba l-posizzjoni taghha bhala ufficjal pubbliku u inoltre l-imbarazz quddiem shabha li kien fid-dmir taghhom jifthulha l-korrispondenza u ghaldaqstant kellhom access ghal dawn l-ittri li kellhom kontenut pjuttost kompromettenti:-

***"Your sexual predator of a husband overstepping his mark"***

[32] Carmelo sive Charles Farrugia vs Josephine Farrugia

***“engaging inappropriate conversations with other mums, infront of the children is getting too far.”***

***“the mums clearly love his attention but using the children as a weapon to get to the next base with mums is totally disgusting. This is not appropriate.”***

GS , kollega tal-konvenuta tikkonferma li dawn l-ittri kienu ghaddew minn idejha u li l-konvenuta kienet inkwietata hafna, Izid tghid ukoll li l-konvenuta kienet irceviet email ukoll minghand certu G T fejn kien qed iwissi lill-konvenuta dwar zewgha u li kien ahjar li zzommu ‘l boghod minn hwejjgu. Il-konvenuta kienet tant haditha dina l-affari bil-kbira li kellha anke tinvolvi l-pulizija minhabba t-theddid.

Mir-rizultanzi processwali ma jirrizultax li hemm bizzejjed indizji u prezunzjonijiet fejn il-Qorti tattribwixxi lill-attur l-htija tal-adulterju, pero’ l-karattru kemm xejn provokanti u “womanizer” tal-attur zgur iwasslu lill-Qorti tinkonkludi li l-istess attur kien ikkommetta ingurji gravi fil-konfront tal-konvenuta ghall-kuntrarju ta’ dak li jsostni l-attur sabiex jirribatti dak konkluz mill-Perit Legali Dr.Vincent Galea, fejn ghalhekk l-istess Qorti qiedgha tikkonferma l-konkluzzjonijiet tieghu.

**<u>Abbandun</u>**

Dwar l-abbandun sabiex jigi soddisfatt l-aggravju li tikkontempla l-ligi, iridu jkunu ghaddew sentejn minn tal-anqas u addiritura l-abbandun irid ikun wiehed gustifikat.

Huwa stabbilit li l-attur kien abbanduna d-dar matrimonjali f’Mejju, 2013 u ghalhekk certament ghaddew xahrejn. Madanakollu, mill-

provi migjuba m'hemmx xejn x'jindika li l-attur kien gustifikat li jabbanduna lil familtu.

L-attur ma ressaq ebda prova konvincenti sabiex jindika l-gustifikazzjoni, izda kienet il-konvenuta stess li tat verzjoni iktar verosimili ta' dak li gara u cioe' li l-attur kien ilu li beda jipprepara sabiex jitlaq u kien l-ewwel stabilixxa ruhu sew fin-negozju u mbaghad qabad u telaq.

Ghalhekk, l-abbandun jirrizulta ukoll.

Ghaldaqstant, ghab-bazi ta' dak kollu fuq ikkunsidrat, il-Qorti tikkonkludi u taqbel mal-konkluzzjonjiet raggunti mill-Perit Legali li l-attur huwa unikament responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg minhabba sevizzi, eccessi, ingurji gravi, vjolenza u anke abbandun.

**<u>Dekadenza</u>**

Illi fil-ligi taghna nsibu l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 issehh f'zewg cirkostanzi, b'mod tassattiv meta jkun hemm hemm adulterju u/jew abbandun u b'mod diskrezzjonali bl-applikazzjoni tal-Artikolu 51.

Fis-sentenza **CM vs Noel Bartolo noe**. JPG deciza fid-9 ta' Mejju, 2022 il-Qorti spjegat hekk:-

> ***"Il-Qorti rat illi skond l-artikolu 51 tal-Kodici Civili: "Il-firda li ssir minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taht ic-cirkostanzi tal-kaz, ghandhom ighoddu, f'kollox jew f'bicca, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu." Is-separazzjoni***

***personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili, igibu maghhom, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jigu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba hatja ghat-tifrik taz-zwieg ai termini tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili. Dana b'differenza mill-motivi l-ohra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikolu 51 u 52 tal-istess Kodici, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-kaz odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li l-intimat huwa hati ta' abbandun u ghaldaqstant il-Qorti m'ghandha l-ebda diskrezzjoni ghajr li tapplika fil-konfront tieghu s-sanzjonijiet kollha elenkati fl-artikolu 48 tal-Kodici Civili."***

Tenut kont tac-cirkostanzi u l-atteggjament tal-attur, li dina l-Qorti qed izzomm responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Legali u tirrakkomanda li ghandu jigi applikat l-Artikolu 51 tal-Kap. 16 u tirrakkomanda ukoll li ghandhom jigu kkominati kontra l-attur is-sanzjonjiet elenkati fl-Artikolu 48 tal-Kap, 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan mid-data ta' Mejju, 2013 fejn l-attur kien addanduna d-dar konjugali.

**Kura u Kustodja**

Stante li llum ulied il-kontendenti saru maggorenni m'ghadx hemm lok li dina l-Qorti tippronunzja ruhha dwar il-kura u kustodja tal-istess ulied.

**Manteniment**

Ma jirrizultax li kien inhareg digriet dwar hlas ta' manteniment ghall-ulied il-kontendenti, izda jirrizulta li kien hemm l-intendiment li l-attur ihallas €150 ghal kull wild u cioe' s-somma ta' €300 fix-xahar.

Fil-mori tal-proceduri jirrizulta pero' li l-konvenuta wahedha kienet hadet hsieb l-edukazzjoni tal-ulied biex b'hekk komplew l-istudji taghhom sal-livell ta' Masters. Il-konvenuta elenkat is-segwenti spejjes li hallset hi:-

- €27,450 manteniment ordinarju
- €54,068 spejjez relatati mal-edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari
- €7,265 spejjez relatati mas-sahha.

**Total - €88, 783.**

L-attur jammetti li meta kellu problemi bin-negozju kien ghamel zmien fejn waqaf ihallas manteniment u ghalhekk huwa dispost li jhallas dak li messu jhallas skond dak li kkalkola l-Perit Legali u cioe' s-somma ta' €40,866.50 ghajr ghal €10,000 penali li imponilu.

Il-Perit Legali hass li kellu jimponi dina l-penali peress li ma hassx li tkun haga gusta li jippremja lill-attur ghan-nuqqasijiet tieghu, iktar u iktar meta dan tal-ahhar suppost kien qed jilmenta li kien f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja, pero' fl-istess waqt kellu flus sabiex isiefer, biex jikri fond u jhalli lill-konvenuta taghmel is-sagrficcji biex tara kif ser taghmel hi biex thallas. Messu l-ewwel ra l-bzonnijiet tal-familja tieghu u mhux ihalli kollox f'idejha, inkluz l-piz finanzjarju.

Tenut kont li l-attur ammetta biss li kien dispost li jhallas l-arretrati ta' manteniment fis-sottomissjoniijet tieghu u lanqas qatt ma kkunsidra

l-posizzjoni tal-konvenuta, il-Qorti thoss li ghandha tigi imposta penali fuqu fl-ammont ta' €5,000 (u mhux €10,000 kif irrakkomandat mill-Perit Legali) u dan ghaliex kien hemm ammissjoni da parti tieghu anke jekk saret tard fil-progress tal-kawza u jekk kien ragel messu ghamilha ferm qabel mhux jistenna l-ezitu tal-Perit Legali u jipprova jigbor ruhu fl-ahhar tal-proceduri!

**Komunjoni tal-Akkwisti**

Il-komunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti tikkonsisti fis-segwenti:-

**Attiv**

- Id-dar Ward u Zahar - €950,000
- Garaxx numru 7, f'San Valentino Mansions, Birbal Street, Balzan - €25,000
- Avvjament tan-negozju Wetpets - €288,000

**Krediti**

Il-hlas lura waqt iz-zwieg tas-self parafernali tal-konvenuta tad-dar "Eleon," - €14,923.

**Passiv**

i) Kont ta' self mal-BOV f'isem il-partijiet kont numru 40015703349, fejn sallum il-konvenuta hallset dan il-kont wahedha fejn sallum hallset it-total ta' €112, 515.12[33]

[33] Ara nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta a fol. 321 footnote 3

ii) Life Insurance Policy mal-Mapfre MSV Life PLC Policy No. 30009875/APO 27791 fejn sallum thallsu €7, 896.79 u qieghed f'isimhom it-tnejn

iii) Atlas Home Insurance Policy 096390059001 marbuta mal-loan u sallum thallsu €3585.49

**Total - €123, 997.40** li thallssu kollha mill-konvenuta minn mindu l-attur telaq mid-dar f'Mejju, 2013 u ghalhekk qed tippretendi li l-attur ihallas nofshom.

**Assi u krediti Parafernali tal-konvenuta**

i) L-appartament "Eleon," No.2, Triq tal-Ibragg, Swieqi – m'hemmx valur

ii) Kont savings bilanc fid-data taz-zwieg - €15,230

iii) Life Insurance Policy No. 3514647 mal-Eagle Star - €14,152

iv) Donazzjonjiet mill-genituri tal-konvenuta li jikkonsistu fis-segwenti:-

a) Ghajnuna fi hlas tal-loan "Ward u Zahar" u spejjez relatati mal-familja - €38,900.

b) Baby bond policy - €38,435

c) Hlas condominium garaxx - €1,034

d) Kontribut ghall-akkwist tad-dar "Ward u Zahar" €349,406.01 – principal bridge loan - €52, 901 imghax – total €402,632

e) Benefikati maghmula mill-genituri god-dar Ward u Zahar - €29,676

**Assi parafernali tar- raġel**

Life insurance policy mal-Eagle star - €14,152

**Krediti dovuti lir-raġel**

Xogħolijiet u spejjeż inkorsi mir-raġel fil-fond Eleon - €5,000.

Fil-maġġoranza, il-partijiet jidhru li qed jaqblu fuq il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti u dan ġie anke kkonfermat mill-istess Perit Legali.

Jibqa' pero' xi vertenzi bejniethom li jew ma ssemmewx mill-Perit Legali jew ma hemmx qbil fuqhom da parti tal-attur. Skond il-konvenuta dawn jikkonsistu fis-segwenti:-

a) Benefikati li saru fiż-żwieġ fid-dar parafernali "Eleon" fejn l-attur qed jinsisti li ntefqu €10,000 u għalhekk qed jippretendi €5,000 minnhom.[34]

b) Comprehensive Baby Bond Policies li jitħallsu mill-ġenituri tal-konvenuta bl-intendiment li dawn kellhom ikopru l-istudju tat-tfal. L-attur qed jinsisti li dawn ma jiffurmawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti iżda jappartjenu lill-uliedhom direttament.

   Il-Perit Legali kkonkluda li dawn il-poloz huma parafernali u li ulied il-kontendenti fiż-żwieġ gawdew minn tali ħlas. Il-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet raġġunti mill-istess Perit Legali.

c) Kontribut għall-akkwist mill-ġenituri tad-dar "Ward u Zahar," L-attur mhux qed jikkontesta l-fatt li l-principal misluf mill-*bridge loan* huwa donazzjoni da parti ta' missier il-konvenuta u cioe' l-ammont ta'

[34] Fol.7 tan-nota tas-sottomissjonijiet tal-konvenuta

€349,406.01. Jikkontesta pero' li fl-assenjazzjoni u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ghandhom jidhlu ukoll l-imghaxijiet li allegatament hallas missier il-konvenuta fuq l-istess *bridge loan* u cioe' s-somma ta' €52,901.

In sostenn ta' dan, missier il-konvenuta jikkonferma li flimkien mal-kapital kien hallas €53,226.14 imghaxijiet, fejn il-bank kien qed izomm imghax bil-5%. Izid ighid li dawn il-flus thallsu bhala sehem il-konvenuta mill-wirt taghha, Dina l-verzjoni hija ukoll ikkorroborata minn oht il-konvenuta AZL

L-attur qed jikkontesta li dawn l-imghaxijiet m'ghandhomx jigu inkluzi fil-komunjoni peress li ma tressqux provi fuq il-*paper trail.* Il-konvenuta da parti taghha tinnega dan billi tikkonferma li dina l-*paper trail* giet esebita fil-proceduri odjerni,[35] minn fejn jirrizulta li kienu l-genituri li hallsuhom u bl-ebda mod ma thallsu mill-komunjoni u jekk sar il-*bridge loan* sar ghall-beneficcju esklussiv tal-komunjoni li akkwistat id-dar.

D) Hemm qbil li l-konvenuta hallset €84,239.34 lura fuq is-self bankarju tad-dar "Ward u Zahar", kif ukoll hallset €6,461 u €3,212 ghall-poloz ta' assikurazzjoni u wara li aggornat l-ammonti, il-konvenuta kkalkolat li hallset **€123,997.40**.

Il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-konvenuta, fejn l-attur qed jikkontendi li parti mil-*loan* thallas minn kirja li saret tal-istess fond. Jirrizulta li l-kirja kienet ghall-perjodu qasir mill-1 ta' Dicembru, 2006 u l-istess kirja ntuzat ghall-bzonnijiet taghhom. Anke jekk *in pessima ipotesi* il-kirja ntuzat ghal-*loan*, lanqas ma jista' jigi kkalkolat ghaliex il-pretensjoni tal-konvenuta hija ghall-hlasijiet li saru mill-perjodu

[35] Vide a fol. 369-460 tal-process

meta l-attur telaq mid-dar matrimonjali u cioe' Mejju, 2013 u ghaldaqstant, il-kirja lanqas tinkwarda ruhha f'dan ix-xenarju.

*d)* Dwar in-negozju WetPets mhux ikkontestat li bhala *start up capital* kien hemm €34,933 izda da parti tieghu l-attur jikkontesta li dawn ghandhom jithallsu lura fil-komunjoni stante l-fatt li ma kellux kontroll fuq il-fatt li negozju falla. Da parti taghha, il-konvenuta tikkontendi li n-negozju ghandha iktar valur sostanzjali apparti l-*istart up capital.*

Oht il-konvenuta AZL li ukoll kienet tiehu hsieb l-*book keeping* tal-attur, taccenna l-fatt li n-negozju tant kien sejjer tajjeb li l-attur beda jirrifjuta x-xoghol u apparti l-fatt li kien ghazzien kien jaghmel izjed flus jekk irsista izjed. Izda kien jirrizultalha li l-attur kien qed jaghmel cirka €200 - €250 kuljum li fuq sena jammonta ghall-introjtu ta' bejn €48,000 u €60,000.

L-ammont li tikkontendi l-konvenuta jvarja minn dak li indikat ohtha meta mill-Z readings li pproduca l-attur stess jirrizulta li sat-20 ta' Settembru, 2019, kien indikat li kien hemm dhul gross ta' €201,202.80.[36]

Ghalhekk il-konvenuta qed tippretendi li jekk dan kien l-introjtu gross, lanqas huwa reali ghaliex l-attur kien jnizzel biss il-prodotti mhux is-servizz u ghaldaqstant qed tippretendi li l-ammont li ghandu jitpogga fil-komunjoni bhala valur tal-WetPets huwa ta' €288,000.

Konsiderando li oht il-konvenuta u mhux il-konvenuta kienet dik li kienet tiehu hsieb il-*book keeping* tal-attur, hija l-iktar persuna idoneja li taghti stamp cara ta' x'kien irendi n-negozju u ghalhekk l-

[36] Doks. AA anness man-nota tas-sottomissjonijiet tal-konvenuta.

valur m'ghandux ikun iktar minn €55,000 konsiderando li kienet iddikjarat li l-qliegh kien bejn €48,000 u €60,000.

Presentement l-attur ghadu jiggestixxi dan in-negozju u ghalhekk ghadu fil-pussess tieghu, izda ai fini tal-likwidazzjoni l-istess ammont ghandu jitpogga fil-komputazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

**<u>Likwidazzjoni u Assenjazzjoni</u>**

In konsegwenza ta' dak li gie kkunsidrat iktar 'l fuq, qed issir modifikazzjoni ghall-kalkoli tal-komunjoni tal-akkwisti tal-Perit Legali u tillikwidaha u tassenjaha fis-segwenti mod:-

i) Il-valur tal-komunjoni tal-akkwisti huwa ta' **€1,030,000** (valur tad-dar matrimonjali Ward u Zahar, garaxx numru 7, San Valentino Mansions, Birbal Street, Balzan, flimkien mal-valur tan-negozju WetPets;

ii) Minn dan l-ammont irid jitnaqqas il-passiv ta' **€23,866.83** rapprezentanti dejn li ghadu dovut lil BOV, fejn issa l-valur tnaqqas ghal **€1,006,133.17**;

iii) Hemm il-kreditu parafernali tal-konvenuta li jammonta ghal **€525,907** (li jeskludi l-baby bond li ser jigu assenjati direttament lil ulied il-partijiet) u li minn dan l-ammont ghandu jitnaqqas l-ammont ta' **€14,923** debitu parafernali dovut mill-konvenuta (€525, 907 - €14, 923 = **€510,984);**

iv) Il-valur li jrid jinqasam bejn il-partijiet huwa ta' (€1,006,133.17 - €525,907 = **€495,149**) u kull wiehed ghandu jircievi **€247,574** kull wiehed rispettivament;

v) Mill-ammont ta' **€247,574** sehem il-konvenuta ghandhom jitnaqqsu **€5,000** li jridu jithallsu lill-attur ghall-benefikati tad-dar parafernali taghha, filwaqt li jridu jizdiedu s-somma ta' **€61,998.70** li huwa l-hlas ta' self li ghamlet il-konvenuta, kif ukoll **€50,866.50** li huwa l-manteniment dovut mill-attur. B'hekk jirrizulta li l-konvenuta ghandha tithallas **€355,440** (rounded number maghmula mill-Qorti), filwaqt li dawn l-ammonti ghandhom jitnaqssu minn sehem l-attur (€247,574 - €61,998.70- €50,866.50= **€134, 710);**

**vi)** B'hekk sehem il-konvenuta huwa ta' €510, 984 + €355,440 = **€866,424;**

vii) Is-sehem tal-attur huwa ta' **€134,710.**

viii) Il-konvenuta qed titlob li tigi assenjata d-dar matrimonjali "Ward u Zahar" u tassumi d-dejn fuq l-istess fond u l-garaxx jigi assenjat lill-attur, flimkien man-negozju WetPets.

Jekk dan ikun il-kaz, il-konvenuta tkun qed tircievi l-valur ta' €950,000 - €23,866.83 (passiv) = €**926,133.17,** filwaqt li l-attur ikun qed jircievi l-garaxx (€25,000) kif ukoll €55,000 valur tan-negozju WetPets (€25,000 + €55,000 = **€80,000**).

Ghalhekk l-attur ikun ghad ghandu kreditu ta' €**54,710**, filwaqt li l-konvenuta ai fini ta' ekwiparazzjoni ghandha **€59,709** izjed. Ghaldaqstant, l-attur ghandu jircievi minghand il-konvenuta s-somma ta' **€114,419.**

Il-baby bond ghandha tigi assenjata lil ulied il-kontendenti.

Kull wiehed minnhom ghandu jzomm il-kontijiet bankarji tieghu. Il-life insurances diga' mmaturaw u gew maqsuma bejn il-partijiet.

Fl-ahhar lok, il-partijiet kienu ddikjaraw li l-vettura BMW X3 hija ta' binthom, u ghalhekk m'ghandhiex tigi inkluza fil-qasma.

Ghalhekk, il-Qorti tista' tghaddi ghas-sentenza.

**<u>DECIDE:</u>**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja separazzjoni personali bejn il-konjugi A minhabba sevizzi, eccessi, ingurji gravi, vjolenza u abbandun kommessi mill-attur.
2. Tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni tat-tieni talba stante li llum it-tfal saru maggorenni.
3. Tilqa' t-tielet talba attrici in parte billi tordna lill-attur ihallas il-manteniment li qatt ma hallas kif gie spjegat u deciz fl-intestatura "Manteniment" iktar 'l fuq.
4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u tillikwidaha u tassenjaha

skond kif deciz fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti."

5. Tilqa' l-hames talba attrici u tordna lill-konvenuta tirrifondi lura l-proprjeta' parafernali tieghu skond kif deciz fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti" iktar 'l fuq.
6. Tichad is-sitt talba attrici.

## ii. <u>Kontro-Talba</u>

1. Tilqa' l-ewwel kontro-talba u tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi A, minhabba sevizzi, eccessi, ingurji gravi, vjolenza u abbandun kommessi mill-attur fil-konfront tal-konvenuta.
2. Tilqa' t-tieni kontro-talba u tordna lill-konvenuta tghix separatament mill-attur rikonvenzjonat.
3. Tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni tat-tielet talba u dan stante li llum it-tfal huma maggorenni.
4. Tilqa' r-raba' kontro-talba limitatament ghall-manteniment li l-attur ghad irid ighaddi lill-konvenuta rikonvenzjonanta stante li naqas jaghmel il-pagamenti, inkluz il-penali mposta minn dina l-Qorti hekk kif deciz fl-intestatura "Manteniment" iktar 'l fuq.
5. Tilqa' l-hames kontro-talba minhabba li gie ppruvat l-abbandun da parti tal-attur rikonvenzjonat.

6. Tilqa’ s-sitt kontro-talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u tordna li ssir l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni kif fuq deciz fl-intestatura “Komunjoni tal-Akkwisti.”
7. Tilqa’ s-seba’ kontro-talba u tordna lill-attur rikonvenzjonat jikkonsenja lura lill-konvenuta rikonvenzjonanta l-proprjeta’ parafernali taghha hekk kif gie deciz fl-intestatura “Komunjoni tal-Akkwisti.”
8. Tilqa’ t-tmien kontro-talba, stante li dina d-dar matrimonjali qed tigi assenjata lill-konvenuta rikonvenzjonanta.
9. Tilqa’ d-disa’ kontro-talba u tordna lill-konvenuta rikonvenzjonanta sabiex tirregistra s-sentenza moghtija minn dina l-Qorti.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.

**Onor. Imhallef Dr.Anthony J. Vella** **Registratur**